**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Jannar *2022***

**Rikors Numru : 445/2022 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**CF**

**Vs**

**JC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CF datat 23 ta' Awwissu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hija zzewwget mal-intimat fit-8 ta' Gunju 2012 (PR 1332/2012) (Dok A).*

*Illi miz-zwieg taghhom huma m'ghandhomx tfal.*

*Illi l-esponent sseparat minn ma zewgha permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono tat-23 ta' Novembru 2012 (Dok B).*

*Illi l-partijiet huma residenti u domiciljati Malta u mis-separazzjoni 'l hawn huma ghexu hajja indipendenti minn xulxin u ma hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Illi ma hemm ebda pendenzi bejniethom dwar manteniment.*

*Illi dan qiehed jigi kkonfermat bil-gurament permezz ta' affidavit hawn anness (Dok C).*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna r-registrazzjoni tal-istess skond il-ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ppresenta ebda risposta izda esebixxa l-affidavit tieghu;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CF xehdet** (vide affidavit Dok C, fol 8) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-8 ta' Gunju 2012 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Novembru 2017, fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**JC xehed** (vide affidavit fol 12) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet F.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Gunju 2012, liema zwieg jgib certifikat numru 1332/2012 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A, fol 2). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono nhar it-23 ta' Novembru 2017 (vide fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1332/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

***U b'digriet tas-26 ta' Jannar 2023, fejn hemm 'Seduta ta' nhar it-23 ta' Jannar 2022' is-sena 2022 trid tinqara 2023.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**